XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI XEWKIJA***
***LAQGĦA NRU 412***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 40***
***L-Erbgħa 23 ta'Ġunju, 2010***

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-1.00pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużati:* *Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Dr. Marthese Portelli*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

## 1. Kiosks tal-Festa

*Din il-laqgħa ssejħet b'urġenza biex jiġu diskussi il-Kiosks tal-Festa wara li l-Kunsill irċieva ittra minn għand Frank u Agnes Mizzi li joqgħodu Triq San Bert u ittra oħra minn għand 'Residenti fi Triq San Bert' liema ittra ma kienitx iffirmata.*

### i. Ilment minn Frank u Agnes Mizzi

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li Frank u Agnes Mizzi kienu avviċinawha u nfurmawha bi problema li għandhom jekk il-kiosks tal-festa jitħallew jarmaw fi Triq San Bert. Frank u Agnes Mizzi li f'dan il-ħin kienu preżenti fil-kamra tal-laqgħat, qalu li kienu bagħtu email lis-Segretarju Eżekuttiv dwar il-problema tagħhom iżda baqgħu bla risposta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa ma rċieva l-ebda email minn għand is-Sinjuri Mizzi. Dak il-ħin stess is-Segretarju Eżekuttiv iċċekkja l-emails u ma kien ebda email minn għand is-sinjuri Mizzi. Is-Sinjuri Mizzi ġabu kopja tal-ittra magħhom.

Il-Kunsill iddiskuta l-ittra u qabel li peress li hemm raġunijiet ta' saħħa għandna naraw kif nirranġaw biex il-kiosks ma jkunux ta' nkonvenjent. Saru kuntatti ma' Brian Grech li ser ikollu l-kiosk tiegħu viċin ir-residenza ta' Frank Mizzi. Ftit tal-ħin wara ġie l-uffiċċju tal-Kunsill u miegħu ġiet diskussa wkoll din il-problema. Il-Kunsill staqsa lil Brian jekk isibx oġġezzjoni jekk flokk fi Triq San Bert jarma fi Triq Ħelsien. Brian Grech qal li huwa lest li jaċċetta li jarma l-kiosks tiegħu fi Triq Ħelsien u b'hekk din il-problema tkun solvuta.

### ii. Ittra minn għand ir-residenti ta' Triq San Bert

Il-Kunsill iddiskuta wkoll dwar ittra li rċieva minn għand residenti oħra ta' Triq San Bert dwar l-istess kiosks li se jarmaw fi Triq San Bert. L-ittra ma kienitx iffirmata. Il-Kunsill qabel li

għalkemm din l-ittra tista' titqies bħala waħda anonima, xorta għandna nirrisponduha anke minnħabba l-fatt li rċevejna diversi telefonati minn għand ir-residenti ta' Triq San Bert dwar l-istess ilment. Il-membri tal-Kunsill ukoll irċevew personalment ilmenti simili. Il-Kunsill qabel li l-kiosks tpoġġew quddiem postijiet vojta u għalhekk ser ikunu ta' anqas inkonvenjent. Dawn ser jitpoġġew hemm għal din is-sena biss u għalhekk sena oħra se jingħataw postijiet alternattivi. Il-Kunsill qabel li għandna nwieġbu lir-residenti ta' Triq San Bert fejn ninfurmawhom ukoll li barra li ser ikun hemm sitt kiosks fit-triq tagħhom, ser ikun hemm ħafna aktar fi Triq Arċ. Ciantar.

Il-laqgħa spiċċat fl-3.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 2 ta' Lulju, 2010 fis-6.30pm.

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Av. Monica Vella
Sindku